DOWNSTREAM USERS

# Dwar ir-Regolament REACH

## Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-06-MT

**Ir-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 jinkludi r-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi. L-għan huwa li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem kif ukoll l-ambjent mir-riskji tas-sustanzi kimiċi. REACH jappoġġa u jikkumplimenta leġiżlazzjoni oħra tal-UE li tapplika wkoll għall-utenti tas-sustanzi kimiċi, inklużi leġiżlazzjonijiet ambjentali, tas-saħħa u dawk relatati mas-sigurtà. Dan id-dokument jispjega kif din taffettwa lill-utenti ta' sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol.**

### Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

L-elementi ewlenin ta' REACH huma deskritti hawn taħt, flimkien ma' xi jfissru għal kumpanija li tuża sustanzi kimiċi.

| | | |
|---|---|---|
| **Reġistrazzjoni** | Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw aktar minn tunnellata 1 fis-sena ta' sustanza fiż-ŻEE għandhom jirreġistraw mal-ECHA. | • Jekk timmanifattura jew timporta direttament inti jaf ikollok bżonn tirreġistra.<br>• Jekk timporta taħlitiet, iċċekkja jekk xi wieħed mill-komponenti għandux bżonn jiġi rreġistrat. |
| **Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni** | Hemm numru ta' mekkaniżmi fi ħdan REACH biex jiġu identifikati s-sustanzi kimiċi ta' tħassib u biex jiġu ġestiti r-riskji li joħolqu dawn is-sustanzi kimiċi. | • Oqgħod attent jekk xi sustanza kimika li qed tuża hijiex ristretta, teħtieġx awtorizzazzjoni, jew għandhiex klassifikazzjoni armonizzata.<br>• Immira li, kull meta jkun possibbli, tissostitwixxi s-sustanzi kimiċi ta' tħassib |
| **Informazzjoni fil-katina tal-provvista** | Meta sustanza hija perikoluża, ir-reġistranti jħejju valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika għall-użi kollha ta' dik is-sustanza. Informazzjoni rilevanti biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent hija pprovduta fl-iskeda ta' data ta' sigurtà u fix-xenarji ta' esponiment. | • Meta inti tirċievi skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji ta' esponiment, iċċekkja li timplimenta l-miżuri rrakkomandati.<br>• Jekk tipprovdi sustanzi jew taħlitiet perikolużi, ipprovdi informazzjoni lill-utenti biex b'hekk ikunu jistgħu jużawhom b'mod sigur.<br>• Jekk għandek informazzjoni ġdida dwar il-perikli jew il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji għal sustanza, tkellem dwar dan mal-fornitur tiegħek. |

### Minn fejn nista' nsib iżjed informazzjoni...dwar ir-Regolament REACH?

Ikklikkja fuq it-tag biex tfittex il-kontenut rilevanti dwar l-utent Downstream

Taggjati bħala: Utent downstream

L-implimentazzjoni ta' REACH u CLP hija ġestita mill-ECHA, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. https://www.echa.europa.eu/mt/regulations/reach/understanding-reach għal ħarsa ġenerali tar-Regolament REACH u links utli.

Ir-responsabbiltajiet tad-DU skont REACH: https://echa.europa.eu/da/regulations/reach/downstream-users/about-downstream-users/downstream-user-roles-and-obligations

Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti Downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.